MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 639/2014

**Joseph Gauci (Karta ta' l-Identita' Numru 302473M) u martu Charmaine Gauci (Karta ta' l-Identita' Numru 340176M) ghal kull interess li jista' jkollha ta' Casa Gauci, Triq il-Belt Valletta, Sqaq tac-Cawla, Rabat, Malta**

**vs**

**Francis sive Frankie Azzopardi (Karta ta' l-Identita' Numru 442969M) ta'47, Casa Louisa Triq San Tumas Rabat Malta**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Joseph u martu Charmaine Gauci tat-18 ta'Lulju 2014 li jaqra hekk:

1. *"Illi l-konvenut jinsab debitur versu l-atturi fis-somma ta' erbatax-il elf u mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro (€14,222) rapprezentanti prezz ta' tiben (inkluz trasport ta' l-istess) mibjugh u kkonsenjat lilu li baqa' ma thallasx.*

2. *Illi dan ukoll gie rikonoxxut mill-istess konvenut permezz ta' dikjarazzjoni iffirmata minnu datata 4 ta' Frar 2014, kopja annessa u markata Dok. JG1.*

3. *Illi ghalkemm l-konvenut gie interpellat anke ufficjalment permezz ta' ittra ufficjali li ggib in-numru 111/14, kopja hawn annessa Dok. JG2, xorta wahda huwa baqa' inadempjenti.*

4. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq premessi l-esponenti atturi jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogghobha:-*

1. *Tiddikjara illi l-konvenut jinsab debitur versu l-atturi fis-somma ta' erbatax-il elf u mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro (€14,222) rapprezentanti prezz ta' tiben (inkluz trasport ta' l-istess) mibjugh u kkonsenjat lilu li baqa'ma thallasx.*

2. *Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma hawn fuq imsemmija ta' erbatax-il elf u mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro (€14,222) lill-atturi.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib in-numru 111/14, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi ipprezentat kontestwalment u bl-imghax sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni."*

Rat illi r-rikors, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota t'**ammissjoni** tal-konvenut Francis sive Frankie Azzopardi datata 24 ta'Lulju 2014 (a fol.10);

Rat in-nota ta’ riduzzjoni tal-atturi datata 27 t’Ottubru;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat u ezaminat il-provi dokumentari prodotti mill-atturi u cioe’ Dok.JG1 a fol.3 illi jindika illi l-intimat Francis Azzopardi kellu jaghti s-somma ta' erbatax-il elf u mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro (€14,222) rapprezentanti prezz ta' tiben (inkluz trasport ta' l-istess) mibjugh u kkonsenjat lilu.

Il-Qorti rat ukoll in-nota t’ammissjoni inkondizzjonata tal-intimat tal-24 ta’Lulju 2014.

Illi fil-mori tal-kawza saru diversi pagamenti mill-intimat kif jidher mill-prospett a fol. 15 u cioe’ :

1. Pagament ta’ €600 maghmul fis-19 t’Awwissu 2014;
2. Pagament ta’ €600 maghmul fil-10 ta’Settembru 2014;
3. Pagament ta’ €600 maghmul fit-13 ta’Settembru 2014;
4. Pagament ta’ €400 maghmul fis-27 t’Ottubru 2014;

**Total ta’ €2,200**

Ghalhekk mis-somma dovuta’ ta’ erbatax-il elf u mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro (€14,222) irid jitnaqqas elfejn u mitejn Ewro (€2,200) u cioe’ tnax-il elf u tnejn u ghoxrin Ewro (€12,022) liema somma ghadha dovuta mill-intimat Francis Azzopardi.

**Ghal dawn il-mottivi , l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi :**

1. **Tiddikjara illi l-konvenut jinsab debitur versu l-atturi fis-somma ta' tnax-il elf u tnejn u ghoxrin Ewro (€12,022).**

2. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma hawn fuq imsemmija ta' tnax-il elf u tnejn u ghoxrin Ewro (€12,022), lill-atturi.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut Francis sive Frankie Azzopardi.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------